

32004D0455

30.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 156/45

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' April 2004

**adattazzjoni tad-Deċiżjoni 2003/322/KE li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba l-adeżjoni ta' Ċipru fir-rigward ta' tmigħ ta' ċerti għasafar nekrofagi b'ċerti materjali ta' Kategorija 1.**

(innotifikat taħt id-dokument bin-numru K(2004) 1682)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2004/455/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

bniedem <sup>(1)</sup> jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri permezz ta' deroga għar-restrizzjonijiet applikabbli fuq l-użu ta' prodotti sekondarji minn animali preskritti f'dak ir-Regolament biex awtorizzaw it-tmigħ b'ċertu materjal ta' Kategorija 1 lill-ispeċi ta' għasafar nekrofagi protteta jew ipperikolata.

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(1) tiegħu,

- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/322/KE <sup>(2)</sup> telenka l-Istati Membri awtorizzati li jagħmlu użu minn dik l-possibbiltà, l-ispeċi ta' għasafar nekrofagi li jistgħu jintemgħu b'materjal ta' Kategorija 1, u r-regoli implimentati ta' kif għandu jseħħ it-tmigħ.

Billi:

- (5) Ċipru ssottometta talba għall-awtorizzazzjoni biex jitma' ċertu speċi ta' għasafar nekrofagi b'ċertu materjal ta' Kategorija 1 u ssottometta informazzjoni sodisfaċenti li jikkonċerna l-okkorenza ta' dawn l-ispeċi fuq it-territorju tiegħu kif ukoll il-miżuri ta' sigurtà li jittieħdu waqt it-tmigħ ta' dawn l-għasafar bi prodotti sekondarji minn animali ta' Kategorija 1.

- (1) Għal ċerti atti li jibqgħu validi wara l-1 ta' Mejju 2004 u li minħabba l-adeżjoni jeħtieġu adattament, liema adattamenti neċessarji ma ġewx previsti fl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, jew kienu previsti imma riedu adattamenti oħra. L-adattamenti kollha jkunu applikabbli mis-seħħ ta' l-adeżjoni jekk kienu adottati minn qabel.

- (6) Id-Deċiżjoni numru 2003/322/KE għandha, għalhekk tiġi emendata skond dan.

- (2) Skond l-Artikolu 57(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, adattamenti bħal dawn iridu jiġu adottati mill-Kummissjoni fil-każijiet kollha fejn il-Kummissjoni adottat l-att oriġinali.

- (7) Il-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali hu infurmat b'dawn il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni,

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi r-regoli tas-saħħa dwar prodotti sekondarji minn animali mhux maħsuba għall-konsum mill-

<sup>(1)</sup> ĠU L 273, ta' l-10.10.2002, pġ. 1. Regolament kif l-aħħar emendat minn Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 808/2003 (ĠU L 117, tat-13.5.2003, pġ. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 117, tat-13.05.03, pġ. 32.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2003/322/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 hu mibdul b'li ġej:

*“Artikolu 1*

**L-implimentazzjoni tar-regoli ta' tmigħ ta' l-għasafar nekrofagi b'materjal ta' Kategorija 1**

Skond l-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru u l-Portugal jistgħu jawtorizzaw l-użu tal-ġisem kollu ta' l-annimali mejta li fihom materjal riskjuż speċifiku kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(b)(ii) ta' dak ir-Regolament għat-tmigħ ta' l-ispeċi ta' għasafar nekrofagi protteta jew ipperikolata bħalma hu dikjarat f'Parti A ta' l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”

2. L-Artikolu 4 hu mibdul b'li ġej:

*“Artikolu 4*

**Konformità mill-Istati Membri**

L-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru u l-Portugal immedjatament iridu jieħdu l-miżuri neċessarji meħtieġa biex jikkonformu ma' din id-Deċiżjoni u jridu jippubblikaw dawk il-miżuri. Għandhom immedjatament jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.”

3. L-Artikolu 6 hu mibdul b'li ġej:

*“Artikolu 6*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika ta' Ċipru u lir-Repubblika tal-Portugal.”

4. Fl-Anness, fil-Parti A, jiżdied il-punt (f) li ġej:

*“(f) Fil-każ ta' Ċipru: l-avultun iswed (Aegyptius monachus) u s-seqer grifun (Gyps fulvus).”*

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd bla ħsara u mid-data ta' dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' April 2004.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membri tal-Kummissjoni*